# Knejjes u Postijiet imsemmija għal San Pawl



■ Isem San Pawl ġie mogħti lil eluf ta' Maltin u Għawdxin fil-magħmudija tagħhom. Fostna, hu wieħed mill-ismijiet l-iżjed komuni, flimkien ma' Ġużeppi, Ġanni u Antonju. Statwi li jfakkruh, kbar jew ċkejknin, narawhom fil-knejjes tagħna u fi kwantità kbira ta' toroq. Bosta huma l-knejjes li għandhom artal iddedikat lil San Pawl. Kemm-il darba nsibuh ukoll flimkien ma' qaddis ieħor. Malta nnifisha rabtet isimha ma' San Pawl. Għal ħafna barranin, hi l-gżira ta' San Pawl.

**It-Tradizzjoni**

■ Malta tagħna biss, fost il-postijiet b'dan l-isem, għandha tradizzjoni li tintrabat ma' postijiet li jfakkru f'San Pawl. Jeżistu l-Gżejjer ta' San Pawl, f'San Pawl il-Baħar, li jitqiesu qrib il-post tan-nawfraġju. Fl-istess raħal, Għajn Rażul hi nixxiegħa li magħha jintrabtu rakkonti leġġendarji. Jiġi rrakkuntat li hemm, qrib ix-Xemxija, San Pawl ħareġ l-ilma mill-blat, u bih għammed lill-ewwel Maltin li saru nsara. San Pawl Milqgħi f'Burmarrad ta' llum, tqies bħala l-post fejn l-appostlu u dawk li kienu miegħu ġew milqugħin mill-prinċep Publiju. In-Naxxar jgħożż it-tradizzjoni li ħa ismu għax, lil dawk li ħelsu mill-għarqa, naxrulhom ħwejjiġhom. Il-leġġenda twassal ukoll li San Pawl, minn Naxxar, instama' jippriedka f'Għawdex. Il-post hu San Pawl tat-Tarġa, fejn tqiegħdet statwa ta' l-appostlu fuq kolonna.



*San Pawl tal-Gżejjer*



*Għajn Rasul fl-antik*

L-isem ta' San Pawl ġie mogħti mill-Fundatur lis-Soċjetà waħdanija li ġiet imwaqqfa għall-irġiel fil-gżejjer tagħna. Qed ngħid hawn għas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li l-fundatur tagħha, fl-1910, kien Mons. Ġużeppi



De Piro. F'din is-Soċjetà, ir-rabta ma' San Pawl hi doppja. L-ewwelnett, San Pawl hu patrun tagħha għax imwaqqfa f'Malta li mill-Appostlu ddawlet għall-ewwel darba bit-tagħlim ta' Kristu. It-tieni, għaliex bħal San Pawl, is-Soċjetà għandha l-ħeġġa li twassal it-tagħlim ta' Kristu fost il-ġnus. Żgur li kulfejn huma jmorru jieħdu magħhom l-isem ta' San Pawl u ta' Malta.



***San Pawl Milqgħi f'Burmarrad fl-antik***

L-Imdina, il-kapitali l-qadima ta' Malta, tħaddan bejn il-ħitan tagħha l-knisja katidrali wkoll. L-eqdem tagħrif jgħidilna li l-Katidral kien minn dejjem iddedikat lil San Pawl. Għalkemm iddedikat għall-konverżjoni ta' San Pawl, festa li tingħata importanza akbar hi dik tad-29 ta' Ġunju: meta l-Knisja Universali tfakkar il-martirju ta' l-akbar fost l-Appostli: San Pietru u San Pawl.

Fir-Rabat ta' Malta, il-knisja protoparrokkjali li nbniet maġenb il-grotta għażiża ta' San Pawl, fejn għal xi żmien għex l-appostlu, hi msemmija għalih, u b'solennità kbira tiċċelebra l-festa tal-martirju tiegħu.

Fil-Belt Valletta wkoll insibu Knisja ddedikata lin-nawfraġju ta' San Pawl. Parroċċa oħra, mill-iżjed ċkejknin ta' Malta hi ddedikata għal San Pawl. Hi dik ta' Ħal Safi, li ilha bil-ħidma ta' parroċċa mis-sena 1598. Il-festa kienet marbuta mat-tifkira tal-konverżjoni ta' San Pawl, li għal ħafna żmien kienet festa kmandata. Imma, imbagħad, ġiet trasferita għaż-żmien tas-sajf.



Għawdex għandu waħda mill-aqwa knejjes tiegħu marbuta mill-qrib ma' San Pawl. Qed ngħidu hawn għall-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur li lil San Pawl, tqimu bħala l-patrun tal-parroċċa flimkien ma' San Pietru.

Parroċċa ċkejkna li għandha lil San Pawl bħala patrun hi dik tal-Munxar.

***San Pawl tat-Tarġa - in-Naxxar***

Mal-miġja ta' San Pawl, jintrabtu ukoll għadd ta' knejjes.

1. San Pawl Milqgħi: fejn skond tradizzjoni qadima, kien hemm ukoll id-dar tal-Prinċep Publiju.

2. Il-knisja msejħa « Tal-Ħuġġieġa » f'San Pawl il-Baħar li tfakkar il-ħuġġieġa li l-Maltin qabbdu lil San Pawl u sħabu. Illum, qiegħda ħdejn ir-ristorant tal-Gillieru. Sa minn ftit snin 'l hawn, il-Franġiskani Konventwali tal-parroċċa ta' San Pawl, iqabbdu wkoll ħuġġieġa b'tifkira ta' dik il-ġrajja.





**Il-Katidral ta' l-Imdina**

3. Il-post l-iżjed għażiż hu l-Grotta ta' San Pawl tar-Rabat. Inżommu li, f'dik il-grotta, Pawlu għex, talab, u ċċelebra l-quddiesa. It-trab tal-grotta jittieħed b'devozzjoni kontra l-gdim tas-sriep velenużi.

4. Il-Katidral ta' l-Imdina minn żmien immemorabbli kien imsemmi għal San Pawl. Jitqies mibni fuq il-post fejn kien hemm il-palazz tal-Prinċep Publiju.



**San Pawl tal-Grotta fir-Rabat - Malta**

5. Knisja ċkejkna f'ġieħ San Pawl qiegħda fil-Wied ta' Birkirkara. Titqies mibnija fuq post fejn l-Appostlu ppriedka.

6. L-Għawdxin iżommu li San Pawl mar xi darba f'Għawdex, u daħal mix-xtajta ta' Marsalforn. Għalhekk, inbniet knisja ċkejkna li ssemmiet għalih.

F'artijiet fejn il-Maltin emigraw, speċjalment l-Awstralja u l-Amerka, jekk tinbena xi knisja jew issir xi parroċċa li tkun tal-Maltin, l-ewwel ħsieb ikun li jsemmuha għal San Pawl. Festi tiegħu, b'solennità esterna wkoll u b'xi statwa li tinħadem Malta bħal xi waħda li għandna, narawhom f'tant postijiet. F'artijiet ta' emigranti, fejn il-Maltin ikunu mxerrdin 'l hawn u 'l hinn f'xi belt kbira, bħalma hi Londra, is-saċerdoti Maltin jieħdu l-okkażjoni tal-festa ta' l-10 ta' Frar biex jagħmlu stedina lil kull Malti. Huma jlaqqgħuhom biex



jiċċelebraw lil San Pawl flimkien f'xi knisja. Ġieli, lil dawk l-emigranti, xejn ma jlaqqgħhom matul is-sena ħlief il-festa f'ġieħ San Pawl.



***Ritratt antik tal-Kappella ta' San Pawl f'San Pawl il-Baħar***

Lil San Pawl, Alla nnifsu bagħtulna fostna biex lill Mulej inħossuh f'ħajjitna u nwassluh lill-oħrajn. Għalhekk, hu xieraq li ntemmu b'xi silta mill-messaġġ ta' San Pawl għad-dinja ta' żmienu u għal dik ta' kull żmien. Hu jurina fuq kollox li nisrani li jħobb lil Kristu ma jistax ma jħobbx lill-oħrajn, u jersaq lejhom fil-bżonnijiet tagħhom. Ħajtu waħedha hi xhieda biżżejjed biex turi kemm għal Kristu San Pawl ħalla kollox. Ħsieb ieħor ma' dawk li diġà tfakkru jkompli jgħinna biex nammiraw lil dak il-bniedem straordinarju.

"Dak kollu li għalija kien qligħ, jiena għaddejtu bħala telf minħabba Kristu. Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi. Minħabba fih, ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih... Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbħu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet" (Fil 3, 7-11). Aħna li nsejħulu l-Appostlu Missierna San Pawl, min jaf hux inkwitat minħabba n-nuqqas ta' fidi tagħna? Fil-festi tiegħu, il-Knisja tħeġġiġna nitolbu lil San Pawl: La tinsiex ir-rabta sħiħa – li żmien twil għaqqditek magħna. Ibqa' ħeġġeġ fina l-grazzja li ġibt u żrajt fostna mal-fidi.

Alexander Bonnici OFM Conv.



***Statwa ta' San Pawl fil-Pjazza ta' Ħal Safi***